# 31. Iċ-Ċerv

Ma' tul ix-xtajta mserrpa tal-għadira
u qalb ix-xtieli mwarrda ta' kull xorta
iċ-ċerv qed jiġri w jirgħa qabel jixrob
xorb'ilma kbira.

U qalbix-xtieli mwarrda jagħżel l-isbaħ
u l-ifjen fjur: gladjoli w ċentufolji,
u s-sultana tal-ward – id-dalja ħamra
tqabbad il-ħdura.

Minn l-art ilaqqat roqgħa roqgħa vjoli,
itella' rasu w jiġbed ħbula w ħbula
ta' stefanotis mal-izkuk imxabbta
tal-jakarandi.

U ma xebax: 'il barra f'nofs l-għadira
lemaħ ġliba ta' ġilji sofor sofor
fil-wiċċ igħumu, donnhom ġliba kwiekeb
waqgħu mis-sema.

Qabeż malajr u beda jgħum għal ħdejhom,
bi qrunu qishom siġra miexja fl-ilma,
tiġġerra w tirgħa w taqta' l-ġilji sofor
bil-weraq wiesgħa.

Xħin għeja jirgħa w jiekol l-isbaħ fjuri
telaq għal ġewwa l-bosk ifittex ċerva
ħelwa w sabiħa jew ċerv ieħor bħalu
biex jiġġelidlu.

Fuq siġra ħdejn l-għadira tara d-dehra
kien hemm babuna taqta' l-ġewż u l-qastan
u tgara bih, u tagħmel qalb is-siġar
il-gabirjoli.

U qalet il-babuna qalb il-weraq:
"Għandu raġun iċ-ċerv li fost il-bhejjem
ikun minn l-isbaħ nett, li f'sidru jkollu
l-ifjen ħalib",

U wieġeb il-babun minn qalb il-weraq:
"U talli jħobb lill-isbaħ fost il-fjuri –
gladjoli w ċentufolji w dalji ħomor,
u l-ward tal-ilma –

Ommna n-Natura tatu jġib fuq rasu
siġra tal-għadam li sew sew bħall-fjuri
tinbet ma' kull rebbiegħa w tmut u tinxef
ma' kull ħarifa".